**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 5800/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ruben Curmi**

**<u>Illum 17 ta' Ġunju 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, **Ruben Curmi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **314170M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar 1-10 ta' Jannar, 2025, wara li rat li l-appellant kien mixli talli nhar id-19 ta' Ottubru, 2021, għall-ħabta ta' 8:45am, ġewwa l-Mellieħa fl-inħawi ta' 'Paradise Bay', u f'dawn il-gżejjer Maltin:

a. Kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija; u

b. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt staġun magħluq għat-tehid tal-għasafar, ħa jew prova jieħu xi għasfur; u

c. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħa jew prova jieħu xi għasafar li huma protetti (għasafar tal-għana) taħt dawn ir-Regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata tahtha;

d. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi ikkaċja jew ipprova jikkaċċja jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivita ta' kaċċa jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u

e. aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaċja kellu fil-pussess tiegħu bird caller; u

f. aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi kien qiegħed jagħmel użu minn xbieki.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-10 ta' Jannar 2025, fejn sabet lill-esponenti appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, u wara li l-Qorti rat illi l-fatti li jsawwru r-reati mertu tar-raba', l-ħames, u s-sitt imputazzjoni ikkostitwixxu mezz għal fini ai termini tal-Artikolu 17(h), il-Qorti ordnat li l-piena tiġi assorbita fil-piena li għandha tiġi mposta għall-ewwel tlett imputazzjonijiet, u b'hekk l-Ewwel Qorti, wara li, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), ordnat ukoll il-konfiska tal-corpus deliciti u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb kull liċenzja u permess relevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 għal għomoru.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Ruben Curmi, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti it-21 ta' Jannar 2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta' ħtija tiegħu tal-imputazzjonijiet immarkati bl- ittri [b], [d], [e] u [f] a tenur tar-Regolamenti 18(1)(c), 7(1)(d), 7(2) u 7(1)(e) tal-L.S. 549.42 rispettivament; u

2. Tikkonfermaha in kwantu applikat id-dispost tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali dwar l-imputazzjonijiet abbażi tar-Regolamenti 7(1)(d), 7(2) u 7(1)(e) tal-L.S. 549.42 rispettivament l-imputazzjonijiet [d], [e] u [f] billi l-piena għandha tkun a tenur tar- Regolamenti 18(1)(c) tal-L.S. 549.42; u

3. Tħassarha in kwantu instab ħati tal-imputazzjonijiet [a] u [c], ossia r-Regolamenti 12(1) u 4(1)(a) tal-L.S. 549.42 stante li dawn huma alternattivi għall-imputazzjoni [b] ossia Regolament 18(1)(c); u

4. B'mod alternattiv għat-talba numru [3], fl-eventwalita' li tikkonferma l-ħtija a tenur tal-imputazzjonijiet [a] u [c], ossia r-Regolamenti 12(1) u 4(1)(a) tal-L.S. 549.42, li tapplika d-dispost tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali dwar dawn l-imputazzjonijiet billi l-piena għandha tkun a tenur tar-Regolamenti 18(1)(c) tal-L.S. 549.42; u

5. Tħassar il-piena imposta, u wara li tikkonsidra dak li jiddisponi r-raba' proviso tar-Regolament 27(2) tal-L.S. 549.42, tgħaddi sabiex timponi piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

a. Sejbien ta' ħtija erroneja a tenur tar-Regolamenti 4(1)(a) u 12(1) tal-L.S.549.42

Dan l-aggravju jittrata l-imputazzjonijiet immarkati bl-ittra [a] u [c], ossia dawk migjuba kontra l-esponenti abbażi tar-Regolamenti 12(1) u 4(1)(a) tal-LS. 549.42, rispettivament.

L-esponenti jtenni li bħal ma juru l-atti, hawn si tratta ta' każ ta' insib illegali fejn l-insib illegali lanqas ma kien għal xi tajra protetta bl-iskedi I u/jew IX.

Każ tipiku ta' insib illegali billi l-agir ta' insib sehh qabel ma fetah l-istaġun ghall-insib, fil-każ odjern jum wiehed qabel ma fetah tali stagun.

Analizi tar-Regolamenti 4 u 12, jitkellmu b'mod generali dwar numru ta' agir li l-legislatur ma jridx li jseħħ f'pajjiżna.

Ir-Regolament 18 mill-banda l-ohra huwa car li huwa l-agir ta' insib illegali li ma jridx il-legislatur.

Tenut kont li d-dicitura tar-Regolamenti 4 u 12 jinkludu wkoll, b'mod wiesa', l-aġir prekluż bir-Regolament 18. Ghaldaqstant hija l-fehma shiha tal-esponenti li l-imputazzjonijiet immarkati bhala [a] u [ċ] huma alternattivi ghall-imputazzjoni [b] li tittratta mal-ksur tar-Regolament 18 tal-L.S. 549.42. B'hekk illi huwa ma kellux jiġi misjub hati tagħhom.

In pessima ipotesi, l-esponenti kellu jinstab hati tagħhom pero', tenut kont tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, huwa ma kellux jingħata piena dwarhom.

**b. Applikazzjoni żbaljata tal-liġi**

Dan l-aggravju qiegħed jingab 'il quddiem b'mod alternattiv għall-aggravju precedenti u biss fl-eventwalita li l-aggravvju precedenti jiġi michud.

L-Ewwel Onorabbli Qorti applikat id-dispost tal-Artikolu 17(h) biss in kwantu 1-imputazzjonijiet immarkati fl-ittra [d], [e] u [f] u dana billi sahqet is-segwenti:

> "*wara li l-Qorti rat illi l-fatti li jsawwru r-reati mertu tar-raba', hames u s-sitt imputazzjoni jikkostitwixxu mezz ghal fini ai termini tal-artikolu 17(h), ghalhekk il-Qorti ordnat li l-piena tiġi assorbita fil-piena li għandha tiġi mposta ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet*"

Bir-rispett, pero l-appellant jishaq bil-qawwa li l-Ewwel Qorti ma hijiex korretta fl-applikazzjoni legali tagħha tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali.

Is-subinċiż (h) tal-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali jishaq is-segwenti:

> "*meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata 1-piena ghar-reat l-aktar gravi.*"

Fil-fehma tal-esponenti, l-iżball li seħħ da parti tal-Ewwel Onorabbli Qorti huwa li hija ddikjarat li huma l-imputazzjonijiet bl-ittri [d], [e] u [f] biss li għandu jiġi applikat a favur tagħhom dan is-subinċiż.

Bir-rispett, l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali kellu jintuża ukoll in kwantu l-imputazzjonijiet [a] u [c] ukoll - sabiex b'hekk tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi ċioe` dak mahrub fir-Regolament 18 (1)(c) tal-L.S. 549.42.

Għaliex qiegħed jisħaq dan l-esponenti?

Il-każ odjern si tratta ta' insib illegali, li seħħ ġurnata waħda qabel ma fetaħ l-istaġun tal- kaċċa lura fis-sena 2021. Kjarament dan huwa l-agir ravvisat fir-Regolament 18(1)(c) tal- L.S. 549.42.

L-imputazzjonijiet [d], [e] u [f] jittrattaw l-għodod tal-insib illegali.

L-imputazzjoni [a] titratta li l-esponenti ma kellux liċenzja għall-insib. Certament, in-nuqqas ta' din it-tip ta' liċenzja hija mezz ai fini tal-imputazzjonijiet immarkata bl-ittra [b] u dana għaliex li kieku l-esponenti kellu tali ličenzja, huwa ma kien ikun qiegħed jikser l-ebda regolament lanqas dak ravvista fir-Regolament 18(1)(c)!

L-imputazzjoni [c] titratta li l-esponenti ipprova jieħu għasafar meta jew ma kellux liċenzja jew bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja li huwa kellu! L-aġir preklużż hawn huwa identiku kemm għal dak ravvisat fir-Regolament 12(1) u anke fir-Regolament 18(1)(c)! Jerga jiġi mfakkar f'dan l-istadju kif l-Artikolu 4 huwa l-umbrella regulation li telenka l-aġir kollu li l-legislatur ma jridx.

c. Il-piena

**c.1 Piena aktar oneruża min dak li tishaq il-ligi**

Ma hemmx dubbju li l-esponenti in kwantu si tratta ta' vjolazzjoni ta' agir bi ksur tal-L.S. 549.42, 1-esponenti huwa a first-time offender - u dana bhalma sahqet u kkonfermat I-Ewwel Qorti stess.

Ma hemmx dubbju li dan ma huwiex każ fejn si tratta ta' agir illegali fuq tjur ta' speči mniżżla fl-I Skeda jew IX Skeda, b'hekk illi s-subinċiż (3) tar- Regolament 27 tal-L.S. 549.42 ma japplikax għall-każ odjern.

Jemergi għaldaqstant li l-piena li l-esponenti huwa espost għaliha u li hija ravvisata fis-subinċiż (2)(a) tar-Regolament 27 tal-L.S. 549.42 ma japplikax għall-każ odjern.

B'hekk illi l-piena li l-esponenti kien qiegħed jaffaċċja hija ta':

a. Multa bejn hames mitt ewro u hamest elef ewro; u

b. Il-konfiska tal-corpus delicti; u

c. Skwalifika tal-liċenzja tal-insib, ecc għal perjodu bejn sentejn u hames snin.

U naturalment dana fl-eventwalita' li l-provist tal-Kap. 446 ma jiġix applikat mill-Qorti.

B'hekk illi l-kundanna tal-esponenti qua first time offender a tenur tal-L.S. 549.42 li ġġarrab skwalifika milli jkollu jew jikseb kull liċenzja u permess relevanti maħruġa taħt il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 għal għomru, hija waħda li tiżboq il-piena li l-ewwel Qorti setgħet timponi.

**c.2 L-applikabbilita' tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta**

L-Ewwel Qorti saħqet li hija prekluża milli tapplika din il-ligi minhabba ragunijiet li jemergu mill-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bir-rispett pero', l-esponenti ma jaqbilx. Dan qiegħed jingħad stante li l-ewwel proviso tas-subinċiż (2) tar-Regolament 27 tal-L.S. 549.42 jagħti vires appositu li minkejja dak li jipprovi 1-Kap. 446, xorta wahda l-Qorti tista' tapplikah.

Hija l-fehma tal-esponenti li l-Ewwel Qorti ghal ragunijiet mhux magħrufa ma kkunsidratx dan il-proviso qua vires appositu li jidderoga mill-prinċipji generali tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jemmen l-esponenti li l-Ewwel Qorti ma gharfitx u ma applikatx il-prinċipju lex specialis derogat legi generali, fejn naturalment il-liġi generali f'dan il-każ hija 1-Att dwar il-Probation u l-Parole, il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Di fatti l-Kap. 446 huwa ukoll applikabbli meta piena tkun ser tingħata a tenur tas-subinċiż (3) tar-Regolament 27 tal-L.S. 549.42.

Il-Kap. 446 ma jistax jingħata bħala piena biss meta l-hati jkun ser jigi ttrattat bil-piena mahsuba fit-tielet proviso tas-subinċiż (2) tar-Regolament 27 ossia fejn hemm tjur imniżżla fi Skeda I jew fi Skeda IX [li ma huwiex il-każ odjern].

**In-nuqqas ta' applikabbilita' tar-raba' proviso tar-Regolament 27(2)**

L-Ewwel Qorti elenkat abbażi ta' liema fatturi hija kkalibrat il-piena. Bir-rispett kollu madanakollu, filwaqt li s-sentenza tirrispetta l-vot tal-Artikolu 382 tal- Kodiči Kriminali.

Madanakollu, in kwantu l-liġi applikabbli għall-każ odjern ossia l-Legislazzjoni Sussisdjarja 549.42, huwa r-raba' proviso tar-Regolament 27(2) tal-L.S. 549.42 li jishaq kif għandha tiġi kkalibrata l-piena fil-każijiet kollha, kemm min jinstab hati taht ir-Regolament 27(2)(a), kemm jekk taħt ir-Regolament 27(2)(b), u anke jekk taħt it-tielet proviso tar-Regolament 27(2).

B'hekk illi l-piena kif inflitta, mingħajr pregudizzju għall-aggravji precedenti, giet ikkalibrata mhux skont id-dettami tal-ligi u quindi l-piena hija nulla.

**Il-proporzjonalita', il-prassi, u l-istandard in punishment**

L-interpretazzjoni legali mogħtija fis-sub aggravji preċedenti ma hijiex ibbażata fuq ir-ragunar legali tal-esponenti, iżda hija mibnija abbażi ta' gurisprudenza kostanti adoperata matul is-snin minn varji gudikanti tul dawn l-aħħar 20 sena, inkluż il-gudikant li ppresjediet dawn il-proċeduri in prim istanza, fejn first time offenders dejjem ingħataw multa aktar viċin il-minimum milli lejn in-nofs, u qatt ma ngħataw l-iskwalifika tal-għomor tenut kont li non si tratta ta' tajr imsemmija fi Skeda I jew Skeda IX.

Piena mingħajr l-iskwalifka tal-għomor għall-istess aġir li l-esponenti hawn instab hati, fl-istess ċirkostanzi, l-każ tiegħu ġie deċiż fl-istess jum, mill-istess qorti u mill-istess gudikant, fejn l-iskwalifika mposta kienet dik ta' sentejn[2].

Il-ġustizzja filwaqt li trid issir, u li trid issir skont il-liġi, u li trid li tidher li qiegħda issir, trid turi wkoll li qiegħda ssir ma' kulħadd l-istess mingħajr differenza.

Fin-nuqqas, il-qrati jġibu għajb fuqhom infushom għaliex moħħ il-bniedem, istruwit kemm huwa istruwit ma jkunx jista' jifhem kif u għalfejn ma' Tizio u Caio il-Qorti ddeċidiet mod, u ma' Sempronio ddeċidiet mod ieħor.

Il-ġustizzja tirrikjedi l-applikabbilita' mhux biss tal-proporzjonalita` fil-piena, iżda l-applikazzjoni tal-ekwita`. Fin-nuqqas ta' dan, il-ġustizzja tkun imtappna, fil-fehma tal-esponenti.

Illi din il-kawża ġiet differita għas-sentenza għas-17 ta' Ġunju 2025.

**Ikkunsidrat,**

Illi dwar l-Ewwel Aggravju tal-imputat huwa jisħaq illi kien hemm sejbien ta' ħtija erronerja a tenur tar-Regolamenti 4(1)(a) u 12(1) tal-L.S. 549.42 stante illi dan huwa każ ta' insib illegali meta ma kienx hemm tajra protetta bl-iskedi I u/jew IX.

Illi hawn l-imputat ma għandux raġun għaliex kif jisħaq Regolament 4(1) tal-L.S. 549.42 "kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta". Di piu' fil-jum li l-imputat inqabad jonsob l-staġun tal-insib kien għadu magħluq u għalhekk l-aġir tal-imputat imur kontra r-Regolament stabiliti fil-4(1)(a) tal-L.S. 549.42.

Illi l-fatt waħdu li l-imputat nasab fi żmien meta l-istaġun tal-insib kien għadu mhux miftuħ konsegwentement iwassal għal ksur ukoll tar-Regolament 12 tal-L.S. 549.12 peress li huwa ma setgħa qatt ikollu liċenzja valida biex jonsob fil-jum li huwa inqabad jonsob.

Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi t-Tieni u t-Tielet Aggravju tal-imputat se jiġu trattati flimkien stante illi jmorru id f'id stante li dawn jirreletaw dwar il-piena imposta. Hawn qiegħed jiġi argumentat illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx korretta bil-mod kif applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali. L-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li huma l-imputazzjonijiet bl-ittri (d), (e) u (f) li għandu jiġi applikat a favur tagħhom s-subinċiż (h) tal-Artiklu 17 tal-Kap 9. Illi l-imputazzjonijiet bl-(a), (b) u (c) jirreletaw dwar insib mingħajr liċenzja, insib meta l-staġun kien magħluq u insib għal għasafar li kienu protetti.

Illi mix-xhieda ta' **Cassie Sciberras Grech** impjegata mal-Wild Birds Regulation Unit fis-26 ta' Settembru 2024 xehdet li l-imputat kellu liċenzja tal-insib *per se* biss illi naturalment ġialadarba l-staġun kien wieħed magħluq huwa ma setgħax jonsob. Ġialadarba l-staġun kien magħluq kwalsiasi insib li jsir, isir għal tajr protett. Għalhekk huwa korrett l-argument tal-imputat li artiklu 17(h) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien japplika meta l-imputat instab ħati tal-imputazzjonijiet mmarkat bl-ittra (a), (b) u (c).

Għalhekk it-tieni u t-tielet aggravji se jiġu milqugħa stante illi ġialadarba l-imputat huwa *first-time offender* din il-Qorti ma temminx illi huwa għandu jiġi skwalifikat milli jkollu liċenzja tal-insib għal għomru.

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell bil-mod segwenti:

i) **Tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet immarkati bl-ittri (b), (d), (e) u (f) a tenur tar-Regolament 18(1)(c), 7(1)(d), 7(2), 7(1)(e) tal-L.S. 549.42 rispettivament.**

ii) **Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu applikat id-dispost tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali dwar l-imputazzjonijiet abbazi tar-Regolmaenti 7(1)(d), 7(2) u 7(1)(e) tal-L.S. 549.42 rispettivament l-imputazzjonijiet (d), (e), (f) billi l-piena tkun a tenur tar-Regolmaenti 18(1)(c) tal-L.S. 549.42.**

iii) **Tiċħad it-tielet talba fejn intalab li l-imputat ma jinstabx ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) ossia regolamenti 12(1) u 4(1)(a) tal-L.S. 549.32**

stante li dawn ma humix alternattivi għal imputazzjoni (b) ossia Regolament 18(1)(c) u minflok tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-imputat

iv) Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' l-iskwalifika milli jkollu jew jikseb kull liċenzja u permess rilevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 għal għomru minflok tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb kull liċenzja u permess rilevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 għal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum u tikkonferma l-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) li tista' titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) u tikkonferma l-konfiska tal-corpus deliciti.

Dr Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Maria Grech

Deputat Registratur